# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1644/00mm**

**Five Effs Import Co. Ltd**

**vs**

**Anthony Said**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u u wiehed u hamsin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm651.83) rapprezentanti prezz ta' merca mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta'Settembru, 2000, u bl-imghax kummercjali mit-8 ta' Ottubru, 1998, data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm150.20).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-8 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta ghall-mija u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm150.20) bl-ispejjez kontra l-konvenut.